**QORTI TAL-MAGISTRATI GHAWDEX**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG. JUR (EU LAW)**

**SEDUTA TAL-25 TA' SETTEMBRU 2002**

Citazz 195/98

Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

vs

Peter Theuma u martu Doris Theuma

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li fiha ppremetta li:

"b'rikors ipprezentat fil-25 ta' Gunju 1997, l-Avukat Dottor Joseph Ellis u ohrajn, wara li ppremettew li b'digriet moghti fil-15 ta' Dicembru 1994 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 755/94 fl-ismijiet "Dr Joseph, Tonio u Dr Nathaline, ahwa Ellis -vs- Peter u Doris konjugi Theuma" ordnat li l-intimati, konvenuti odjerni, jigu mizmuma milli personalment jew permezz ta' terzi jaghmlu xoghlijiet ta' kostruzzjoni fuq dik il-parti mill-proprjeta' taghhom fi Triq Pompei, Victoria, adjacenti ghall-fond numru 4 ta' l-istess triq proprjeta' tar-rikorrenti li fuqha jgawdu jedd ta' prospett, u illi recentement l-intimati, konvenuti odjerni, issoktaw bix-xoghol ta' kostruzzjoni u anke baqghu telghin bil-bini tax-shaft u ffurmaw fih twieqi ohra tal-istess xorta bhal dawk li gja jiffurmaw meritu tal-mandat imsemmi u illi dawn ix-xoghlijiet jikkostitwixxu ksur flagranti tal-mandat fuq imsemmi, talbu inter alia li din il-Qorti tordna li jittiehdu fil-konfront ta' l-intimati, konvenuti odjerni, dawk il-passi kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa minhabba disprezz kommesss lejn l-awtorita taghha;

Illi din il-Qorti b'digriet tad-19 ta' Gunju 1998 wara li rat ir-rikors u r-risposta tal-intimati u wara li ghamlet access fuq il-post u kkonstatat li dak allegat mir-rikorrenti huwa minnu, ordnat inter alia lill-Assistent Registratur sabiex tistitwixxi proceduri ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti fil-konfront ta' l-intimati minhabba l-agir taghhom, kollox kif jirrizulta ahjar mill-anness inkartament dokument "X1";

Ghalhekk kellha tinbeda din il-procedura u ssir din il-kawza;

TALBU ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. issib lill-konvenuti hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

2. tikkundannhom ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghal biex iwiegbu ghall-akkuza bill-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Peter Theuma u martu Doris Theuma li fiha eccepew:

1. li l-konvenuta Doris Theuma ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li ghalkemm l-atti "de quo agitur" gew intestati f'isimha wkoll, fil-prattika hi qatt ma ppartecipat fil-proceduri legali u lanqas fl-atti l-ohrajn li setghu taw lok ghad-disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti;

2. fi kwalunkwe kaz l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 755/94 ikkulminaw fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Gunju 1995 li fis-sustanza cahad it-talba tar-rikorrenti. Dak id-digriet innewtralizza kwalunkwe ordni kuntrarja li seta' kien hemm u ghalhekk id-disprezz li fuqu qeghdin isiru dawn il-proceduri ma jirrizultax.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda;

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-bazi ta' l-azzjoni tal-atturi huwa digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-15 ta' Dicembru 1994. Dan id-digriet inghata fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 755/94 fuq istanza ta' Dr Joseph, Tonio u Dr Nathalie ahwa Ellis (l-atturi) kontra c-citati konvenuti.

Mill-atti jirrizulta li fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq riferit gew intavolati diversi rikorsi konnessi mal-meritu tal-mandat ta' inibizzjoni kif dekretat u akkolt bid-digriet fuq citat tal-15 ta' Dicembru 1994 li kkulminaw f'digriet tad-19 ta' Gunju 1998. F'dan id-digriet din il-Qorti kif diversament preseduta "ordnat lill-Assistent Registratur…sabiex tistitwixxi proceduri ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti fil-konfront ta' l-intimati minhabba dan l-agir taghhom kostitwenti filli nonostante li "mizmuma bil-mandat ta' inibizzjoni numru 755/94, milli jaghmlu x-xoghlijiet fit-twieqi maghmula, jew li jifthu twieqi ohra, xorta wahda jirrizulta li fethu tieqa ohra f'sular gdid li ttella' in segwitu ghall-hrug tal-mandat".

Illi jirrizulta ghalhekk li l-konvenuti gew citati ghal disprezz fuq tieqa wahda li huma fethu bi ksur tal-ordni tal-Qorti kif fuq spjegat.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenuti fid-dikjarazzjoni taghhom annessa man-nota tal-eccezzjonijiet ma jidhrux li qeghdin jikkontestaw dan il-fatt ossija li huma fethu din it-tieqa meta kienet fis-sehh l-inibizzjoni. Li din infethet huwa fatt indubitat u xejn ma josta dak eccepit mill-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom. Nonostante, pero', din il-Qorti jidhrilha li ghandha, f'dan il-kaz, izzomm f'mohha u tikkonsidra l-massima "de minimis non curat praetor" u dan anke fuq l-iskorta tax-xhieda tal-Avukat Dottor Joseph Ellis, wiehed mir-rikorrenti, li xehed li d-divergenzi jinsabu illum sorvolati. Jibqa' pero' li l-konvenuti kissru divjet espress u ta' dan iridu jirrispondu.

Ikkunsidrat:

Li disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti, fil-kaz in ezami, jaqa' taht it-Titolu XVII tal-Kap 12. Hija allura azzjoni civili punibbli, skond il-ligi, b'piena kriminali. Fil-kaz in dismina huwa l-Artikolu 997 tal-Kap 12 li hu applikabbli.

Illi relattivament l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li l-konvenuta Doris Theuma ma ppartecipat xejn fl-atti li sussegwentement taw lok ghad-disprezz, din il-Qorti ma taqbilx. Jidhrilha li l-konvenuta qua firmatarja tal-kuntratt ta' divizjoni u kompartecipi fl-istess divizjoni kellha l-obbligu li tassikura li kull ordni tal-Qorti tigi osservata u obduta. Ir-reponsabbilita taghha tiskaturixxi ghalhekk minn nozjoni tal-culpa.

Konsegwentement, wara li l-Qorti rat l-Artikolu 997 tal-Kap 12, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u kwindi qeghdha tikkundanna lill-konvenuti riprensjoni u ammunizzjoni u tikkundannhom ihalsu l-ispejjez tal-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur